

Adattament ta' drittijiet in rem

Il-verrieta f'pajjiż tal-UE jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet għall-wirt f'pajjiż ieħor tal-UE meta d-drittijiet ikunu adattati biex jaqblu sew mad-drittijiet fil-pajjiż ta' residenza tagħhom.



Sabiex verrieta jew legatarji f'pajjiż ieħor tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet li nħolqu jew ġew trasferiti lilhom permezz tas-suċċessjoni, ir-**Regolament dwar is-Suċċessjoni** jipprevedi dritt mhux magħruf *in rem* (dritt fil-proprjetà immobbli jew mobbli) li għandu jiġi adattat għall-eqreb dritt ekwivalenti *in rem* skont il-liġi tal-pajjiż l-ieħor tal-UE. L-għanijiet u l-interessi segwiti mid-dritt *in rem* speċifiku u l-effetti li jirriżultaw minnu għandhom jitqiesu meta jiġi adattat id-dritt.

F'dan il-kuntest, in-**Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali** ppubblika xi fuljetti ta' informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali li jispjegaw:

- id-drittijiet *in rem* li jistgħu jinqalgħu minn suċċessjoni
- jekk dawn id-drittijiet humiex irreġistrati f'reġistru ta' drittijiet fi proprjetà immobbli jew mobbli
- l-effetti li jirriżultaw mir-reġistrazzjoni tagħhom
- regoli u proċeduri speċifiċi għall-adattament ta' dritt *in rem*.

Biex tikkonsulta dokument ta' informazzjoni dwar il-liġi u l-proċeduri nazzjonali għall-adattament tad-drittijiet *in rem* f'pajjiż tal-UE, jekk jogħġbok ikklikkja fuq il-bandiera nazzjonali rilevanti f'din il-paġna.

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2019